## Kampjonat 1958-59

# Tikber it-taqtiegħa bejn Valletta u Sliema Wanderers

### Id-Disa' Ġurnata

**15-02-1959:**
**Sliema Wdrs FC – Hibernians FC 5-1**
**H.T 1-0**
**Skurjaw: S. Nicholl (S) 19', J. Mizzi (H) 48', M. Walsh (S) 56' u 60', A. Parnis (S) 82' u Ġ. Muscat (S) 88'.**
**Referee: Carmel Galea.**
**Att: 5,988**

*Sliema Wdrs FC.*: Ray Cosby, Ġużi 'Geddumu' Bonnici, Alex Gollcher, Alfred Dayney, Salvu Bonnici, Salvinu Schembri, Ġulinu Muscat, Robbie Buttigieg, Maurice Walsh, Alfred Parnis, Sammy Nicholl.

Hibernians FC: Nenu Bugeja, Sunny Anastasi, Louis Theobald, Maurice Vella Borg, Leli 'L-Għawdxi' Attard, Joe Cini, Jimmy Mizzi, Eddie 'L-Għasfur' Theobald, Fredu Church, Leli Sultana, Frans 'In-Nagħġa' Xuereb.

1. L-aħħar goal tal-Wanderers, skorjat żewġ minuti mit-tmiem minn Ġulinu Muscat, wasal meta Sliema kienu qed jilagħbu b'għaxar players wara li fl-okkażjoni tar-raba' goal skorjat minn Parnis, Walsh reġa' ħass l-uġiegħ fl-istess sieq li kienet ilha tagħtih il-problemi hekk kif kien sejjer jifraħ b'Parnis.

2. Joe Cini rritorna ma' Hibernians wara li l-club ta' Raħal il-Ġdid ipprotesta b'suċċess quddiem l-FA Ingliża kontra s-sospensjoni ta' Cini li kienet ħarġet l-MFA. L-FA ta' Londra wara li semgħet il-każ iddeċidiet li Joe Cini kien player professjonali ta' Hibernians u mhux player amateur ta' Floriana kif kienet iddeċidiet l-MFA.

**21-02-1959:**
**Ħamrun Sp. FC – Rabat FC 3-1**
**H.T 2-1**
**Skurjaw: F. Falzon (Ħ) 4', T. Cassar (Ħ) 37', V. Aquilina (R) 44' u T. Cassar (Ħ) pen. 60'.**
**Referee: Carmel Frendo.**
**Att: 3,788**

*Ħamrun Sp. FC*: Johnnie Chetcuti, Pawlu Magro, Freddie 'Ix-Xibby' Sciberras, Freddie Falzon, Louis Bonello, Armando Drago, Pawlu Buttigieg, Albert Calleja, Carmelo 'In-Nene' Grech, Freddie 'It-Tirjule' Borg, Twanny 'Il-Ginger' Cassar.

*Rabat FC:* Anthony Micallef, Johnnie Calleja, Frank Camenzuli, Anthony 'Il-Legdi' Azzopardi, Frank Montebello, Charlie Theuma, Pawlu 'Ta' L-Imtarfa' Vassallo, Twanny 'Tal-Manager' Vassallo, Pawlu 'Il-Fulier' Said, Charlie 'In-Najsu' Bennetti, Victor Aquilina.

1. Għall-Ispartans din kienet is-sitt rebħa konsekuttiva fejn baqgħu telgħin minn qiegħ il-klassifika b'punt wieħed salquċċata tal-klassifika bi 13-il punt indaqs ma' Valletta FC.

2. Fil-ħin tal-mistrieħ il-goalkeeper ta' Rabat, Ninu Micallef, iddaħħal fid-dressing room tar-referee minħabba li ħdejn id-dressing ta' Rabat kien hemm folla ta' partitarji Rabtin irrabjati għalih wara li sofra żewġ goals li setgħu ġew evitati. Fil-fatt l-ewwel goal tal-Ispartans, minkejja li ngħata lil Freddie Falzon, jista' jitniżżel bħala autgoal tal-goalkeeper Micallef meta l-free-kick dirett tal-player tal-Ispartans minn ħdejn il-bandiera tal-corner ġie ppançjat ħażin mill-goalkeeper bil-ballun jispiċċa fix-xibka.

3. F'nofs it-tieni taqsima numru ta' pulizija dehru jaqsmu l-ground waqt li l-logħob kien għaddej sabiex imorru jikkontrollaw inkwiet li qam bejn il-partitarji fl-Enclosure fejn kienu ġew attakkati wkoll xi uffiċjali tal-MFA.

4. Lejn tmiem il-partita Frankie Camenzuli ta' Rabat u Pawlu Buttigieg tal-Ispartans ġew imkeċċija wara li ġew fl-idejn.

5. L-Ispartans kienu mingħajr Effie Borg minħabba li l-player kien ma jiflaħx.

**22-02-1959:**
**Valletta FC – Floriana FC 3-2**
**H.T 1-1**
**Skurjaw: A. Borg (V) 14', B. Dalli (F) 40', F. Vella James (F) pen. 70', F. Zammit (V) 79' u J. Urpani (V) 84'**
**Referee: John Perry.**
**Att: 10,635**

*Valletta FC*: Tommy Taylor, Walter Bone, Nenu 'Il-Wiżża' Mackay, Jackie Grech, Joe Cilia, Johnnie Darmanin, Joe 'Il-Ginger' Zammit, Frankie Zammit, Mario Azzopardi, Josie Urpani, Alfred 'Il-Waniż' Borg.

*Floriana FC*: Freddie 'Il-Pampalun' Mizzi, Lolly Debattista, Charlie 'In-Nossa' Brincat, Pullu Mousu', Tony Dalli, Freddie Vella James, Twanny Sultana, Billy Dalli, Tony 'Majsi' Cauchi, Lolly Borg, Pullu 'Il-Koku' Demanuele.

1. Għal Floriana rritornaw minn sospensjoni Billy Dalli u Tony Cauchi iżda tilfu lil Żarenu Alamango li kellu l-għaksa fil-ġibs wara li għal dawn l-aħħar ġimgħat kien kompla jilgħab bl-uġiegħ kontra l-parir tat-tabib. Irritorna wkoll Tony Dalli li kienu ilu nieqes mill-partita abbandunata kontra Sliema Wanderers tas-26 ta' April 1958.

**28-02-1959:**
**Birkirkara FC – Marsa FC 6-1**
**H.T 4-0**
**Skurjaw: F. Bonnici (B) 10', N. Chircop (B) 22', F. Bonnici (B) 25', N. Chircop (B) 37', F. Bonnici (B) 54', F. Borg (M) 75' u E. Tonna (B) 81'.**
**Referee: Turu Lentini.**
**Att: 910**

*Birkirkara FC*: Lolly Rizzo, Salvu Theuma, Ġużi 'Il-Gross' Pisani, Toni Caruana, George Dalli, Neville Mallia, Frans 'Il-Lula' Bonnici, Emmanuel Theuma, Nenu Chircop, Emmanuel Tonna, Alfred Chircop.

*Marsa FC*: Leli 'Iż-Szabo' Chetcuti, Nenu Fabri, Ernie Glynn, Carmel 'Swany' Attard, Franz Borg, Neriku Buttigieg, Ġużi 'Ir-Rumba' Dimech, Martin Attard, Alfred 'Steak' Abela, Fredu Cauchi, Pawlu Attard.

1. Sitt minuti mit-tmiem il-goalkeeper Lolly Rizzo salva penalty mogħti minn Nenu Fabri.

*Klassifika*: Valletta FC u Ħamrun Sp. FC 13-il pt.; Sliema Wdrs FC 12-il pt.; Floriana FC 9 pti.; Marsa FC u Hibernians FC 7 pti.; Birkirkara FC 6 pti.; Rabat FC 5 pti.

*L-Aqwa Skorers*: T. Cassar (Ħamrun Sp. FC) 11 goals; A. Calleja (Ħamrun Sp. FC) 6 goals; F. Vella James (Floriana FC), M. Walsh (Sliema Wdrs FC) u F. Abela (Marsa FC) 5 goals; F. Bonnici (Birkirkara

FC), P. Said (Rabat FC) u J. Xuereb, R. Edwards u S. Nicholl (Sliema Wdrs FC) 4 goals.

## L-Għaxar Ġurnata

**01-03-1959:**
**Rabat FC – Hibernians FC 1-1**
**H.T 0-0**
**Skurjaw: P. Said (R) 55' u E. Theobald (H) 70'.**
**Referee: Carmelo Galea.**
**Att: 1,946**

*Rabat FC*: Anthony Micallef, Johnnie Calleja, Pawlu 'Gadoxxa' Micallef, Twanny 'Il-Legdi' Azzopardi, Mario Bonello, Frank Montebello, Twanny 'Tal-Manager' Vassallo, Pawlu 'Il-Fulier' Said, Pawlu 'Ta' L-Imtarfa' Vassallo, Charlie 'In-Najsu' Bennetti, Victor Aquilina.

*Hibernians FC:* Lino 'Iż-Żeman' Spiteri, Sunny Anastasi, Paul Nelson, Maurice Vella Borg, Louis Theobald, Joe 'Puskas' Muscat, Jimmy Mizzi, Joe Cini, Fredu Church, Eddie 'L-Għasfur' Theobald, Leli Sultana.

1. Ma' Rabat għamel id-debutt Pawlu Micallef 'Il-Gadoxxa'. Hu m'għandux x'jaqsam ma' Pawlu Micallef 'It-Tiger' li lagħab mal-istess team Rabti mill-istaġun 1949-50 sal-istaġun li għadda.
2. Fis-77 minuta, tkeċċew Pawlu Nelson ta' Hibernians u Twanny Vassallo ta' Rabat minħabba logħob goff.


Josie Urpani ta' Valletta jixxuttja fil-logħba kontra Floriana

**14-03-1959:**
**Sliema Wdrs FC – Ħamrun Sp. FC 2-1**
**H.T 1-1**
**Skurjaw: Ġ. Muscat (S) 14', Freddie Borg (Ħ) 20' u M. Walsh (S) 83'.**
**Referee: Carmelo Galea.**
**Att: 8,523**

*Sliema Wdrs FC*: Ray Cosby, Ġużi 'Geddumu' Bonnici, Alex Gollcher, Alfred Dayney, Salvu Bonnici, Ray Edwards, Ġulinu Muscat, Robbie Buttigieg, Maurice Walsh, Sammy Nicholl, Alfred Parnis.

*Ħamrun Sp. FC*: Johnnie Chetcuti, Freddie Falzon, Freddie 'Ix-Xibby' Sciberras, Armando Drago, Louis Bonello, Effie Borg, George Jones, Albert Calleja, Carmelo 'In-Nene' Grech, Freddie 'It- Tirjule' Borg, Twanny 'Il-Ginger' Cassar.

1. Sliema Wanderers daħlu fil-ground bi ftit applawsi mill-ftit partitarji tagħhom li attendew għall-partita b'differenza mill-players tal-Ispartans li kif daħlu fil-ground irċevew ovazzjoni kbira mill-folla numeruża, tfiegħ ta' kuluri ħomor u suwed u titjir tal-ħamiem. Fi tmiem il-partita l-folja nqalbet meta l-Ispartans daħlu rashom baxxuta u l-players tal-Wanderers ġew merfugħa fuq l-ispalljen min-nies tagħhom li qabżu fil-ground.
2. George Jones irritorna mal-Ispartans wara li kien ilu nieqes erba' xhur.

**15-03-1959:**
**Marsa FC – Floriana FC 1-1**
**H.T 0-0**
**Skurjaw: Ġ. Dimech (M) 47' u G. Camilleri (F) 60'.**
**Referee: Carmel Frendo.**
**Att: 3,381**

*Marsa FC*: Bertu Collings, Harold Henwood, Martin Attard, Franz Borg, Nenu Fabri, Neriku Buttigieg, Ġużi 'Ir-Rumba' Dimech, J. Azzopardi, Freddie 'Steak' Abela, Pawlu Attard, Freddie Cauchi.

*Floriana FC*: Freddie 'Il-Pampalun' Mizzi, Lolly Debattista, Pullu Mousu', Wistin Mallia, Tony Dalli, Freddie Vella James, Żarenu Alamango, Godwin Camilleri, Tony 'Majsi' Cauchi, Anthony Sultana, Michael Hedley.

1. Floriana kienu qed jilagħbu mingħajr Lolly Borg wara li kien il-player stess li talab biex ma jintgħażilx għaliex kien imweġġa'. Lolly Borg kien diġà għamel hekk mat-team nazzjonali meta wara li ntagħżel għall-partita ta' Malta kontra t-Tuneżija huwa avża lill-MFA li jkun aħjar jekk jitħalla barra minħabba li kien imweġġa'. Players oħra neqsin mill-ewwel team ta' Floriana kienu Pullu Demanuele, Charlie Brincat u Billy Dalli li kollha kellhom xi differenzi mall-club Furjaniż wara t-telfa ta' 3-2 kontra Valletta ġimgħa qabel.
2. Godwin Camilleri li kiseb id-draw Furjaniż kien irritorna ma' Floriana fit-trasferimenti tas-sajf wara li fl-istaġun ta' qabel kien mar jilgħab ma' Hibernians.

**21-03-1959:**
**Valletta FC – Birkirkara FC 5-0**
**H.T 3-0**
**Skurjaw: J. Urpani (V) 10' u 17', J. Zammit (V) 43', M. Azzopardi (V) 71' u J. Zammit (V) 75'**
**Referee: Carmelo Galea**
**Att: 4,174**

*Valletta FC:* Tommy Taylor, Walter Bone, Nenu 'Il-Wiżża' Mackay, Jackie Grech, Joe Cilia, Johnnie Darmanin, Joe Zammit, Josie Urpani, Mario Azzopardi, Alfred 'Il-Waniż' Borg, Paul 'Iċ-Ċorma' Gauci.

*Birkirkara FC*: Lolly Rizzo, Johnnie Gatt, Ġużi 'Il-Gross' Pisani, Norman Bell, George Dalli, Neville Mallia, Frans 'Il-Lula' Bonnici, Emmanuel Theuma, Nenu Chircop, Emmanuel Tonna, Alfred Chircop.

1. Valletta kellhom nieqes lil Frankie Zammit li kellu l-influwenza. Minfloku ddebutta ż-żagħżugħ Pawlu Curmi li kien qed jinżel għat-training mat-team Malti tal-Amateurs li kellu jipparteċipa fil-partiti ta' kwalifikazzjoni għal-Logħob Olimpiku.

Klassifika: Valletta FC 15-il pt.; Sliema Wdrs FC 14-il pt.; Ħamrun Sp. FC 13-il pt.; Floriana FC 10 pti.; Marsa FC u Hibernians FC 8 pti.; Birkirkara FC u Rabat FC 6 pti.

L-Aqwa Skorers: T. Cassar (Ħamrun Sp. FC) 11 goals; A. Calleja (Ħamrun Sp. FC) u M. Walsh (Sliema Wdrs FC) 6 goals; F. Vella James (Floriana FC), J. Urpani (Valletta FC), P. Said (Rabat FC) u F. Abela (Marsa FC) 5 goals.